16 ta' Frar, 1945.

**Imħallfin :**

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D., A. *President.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Gio Maria Muscat** *versus* **Carmelo Petroni**

**Senserija — Kumpens.**

***Meta t-trattativi ta' bejgħ ikunu mibdijin minn sensal u dan ikun laqqa' l-partijiet, u l-partijiet ikunu tħaddtu fuq il-prezz u l-kundizzjonijiet, però ma waslux għal ftehim, u dana l-ftehim isir permezz ta' sensal ieħor bl-istess kondizzjonijiet ta' qabel, il-Qrati Tagħna dejjem taw kumpens lis-sensal skond ix-xogħol li għamel u l-importanza ta' l-operazzjoni, għax huwa jkun ikkontribwixxa għas-suċċess tan-negozju. Għalkemm in-negozju ma ġiex konkjuż per mezz ta' dak is-sensal, il-kumpens tiegħu ma jistax jiġi negat.***

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re li biha l-attur, wara li qal li fuq l-in-

kariku li tah il-konvenut kien ippropona lill-istess konvenut li jixtri minn għand Francesco Portanier l-utili dominju perpetwu tal-korp tal-bini l-Ħamrun, High Street, nri. 367, 368 u 369; u billi l-msemmi Portanier talab il-prezz ta' £6000, mentri l-konvenut offra permezz ta' l-attur diversi drabi għax-xiri ta' l-utili dominju fuq imsemmi £4000 biss u ma riedx iżid permezz ta' l-attur xejn aktar minn dik is-somma; u billi wara l-konvenut xtara minn għand l-imsemmi Portanier l-utili dominju perpetwu tal-bini fuq indikat b'att tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tal-11 ta' April 1944, bil-prezz ta' £5350 mingħajr ma ħallas lill-konvenut ebda somma għas-senserija jew għas-servigi tiegħu in konnessjoni ma' dak il-bejgħ; talab illi l-konvenut jiġi kundannat biex iħallas lill-attur is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti bħala kumpens tax-xogħol jew servigi li għamel l-attur fl-okkażjoni tal-bejgħ imsemmi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fl-14 ta' Novembru 1944, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur u l-konvenut ġie kundannat biex iħallas lill-attur is-somma ta' £27, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi rriżulta illi l-attur ippropona għax-xiri l-beni fil-kwistjoni lill-konvenut, u wara diversi trattativi fuq il-prezz, il-konvenut wassal sa £4000, u non ostanti illi l-attur mar għandu diversi drabi biex iżid, ma riedx. Il-venditur ried £6000 u baqa' jinsisti fuq din is-somma. Meta l-konvenut ma ried bl-ebda mod iżid, l-attur ma kompliex jinsisti. In segwitu l-konvenut xtara l-istess bini permezz ta' sensal ieħor bil-prezz ta' £5350. Il-konvenut qal lil dana s-sensal illi kien hemm sensal ieħor qabel, u evidentement kien jaf illi għandu jħallas, jekk mhux kollox, parti mis-senserija lill-attur;

Illi l-attur kien l-ewwel wieħed li ressaq il-konvenut mal-venditur Francis Portanier, u meta kien qiegħed jaħdem huwa bħala sensal ġew indikati l-kondizzjonijiet tal-bejgħ, u skond dawn il-kondizzjonijiet kien li sar fl-aħħar il-bejgħ permezz ta' sensal ieħor;

Illi f'każi bħal dawn, meta t-trattativi ta' bejgħ ikunu mibdijin minn sensal u dana jkun laqqa' l-partijiet, u l-partijiet tħaddtu fuq il-prezz u fuq l-kondizzjonijiet, però ma waslux għall-ftehim, u dana l-ftehim isir permezz ta' ħaddieħor bl-istess kondizzjonijiet ta' qabel, il-Qrati tagħna ħlejjem taw kumpens lill-ewwel sensal skond ix-xogħol li għamel u skond l-importanza ta' l-operazzjoni (sent... ...ppell 28 ta' Marzu 1930, "C. Dmech vs. P. Vella"; "Borg vs. Rizzo", Appell 12 ta' Diċembru 1919, Kollez. XXIV — I — 44; "Chircop vs. Pullicino", Appell Inferjuri 2 ta' Frar 1931, Kollez. XXVIII—I—1901; u "C. Busuttil vs. C. Lateo", Appell, 9 ta' Frar 1934;

Illi l-bejgħ kien tal-prezz ta' £5350, u suppost l-attur kellu jieħu s-senserija kollha, kien jieħu minn għand il-konvenut £53. 10. 0;

Illi wara li ħadet konsiderazzjoni tal-fatti kollha u ta' l-importanza ta' l-operazzjoni, il-Qorti jidhrilha illi l-attur ħaqqu s-somma ta' £27 minn għand il-konvenut bħala kumpens tax-xogħol li għamel, li fil-każ preżenti tirrigwardah ukoll bħala senserija li saret bejnu bħala sensal li bdieha, u bejn l-ieħor li kompliha;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata u li t-talba ta' l-attur tiġi respinta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mill-provi li l-appellant kien inkarika lill-appellat biex jinnegozjalu post San Pawl il-Baħar u biex isiblu post il-Ħamrun mid-Depòt tal-Pulizija 'l isfel. L-appellat sar jaf li Francesco Portanier ried ibiegħ il-korp ta' bini msemmi fiċ-ċitazzjoni..............; għalhekk għarraf lill-appellant........ Għal darbtejn oħra, fuq 'nkariku ta' l-appellant, l-appellat mar għand Portanier biex joffri, dejjem bħal qabel, £4000, għaliex ma riedx iżid din l-offerta, li Portanier reġa' rrespinġa. Allura l-appellat qal lill-appellant biex bla żieda ma jibgħatux iżjed għand Portanier, għal ex dan kien iddejjaq. Xi tliet ġimgħat jew xahar wara l-appellant reġa' mar għand Portanier u

miegħu kellu lix-xhud Salvatore Azzopardi li ġiegħel lill-appellant jara l-korp ta' bini fuq imsemmi, u wara li laqqagħhom darbtejn sar il-ftehim bil-prezz indikat fl-att taċ-ċitazzjoni. Meta l-appellant mar ma' Salvu Azzopardi, Portanier qallu li bħala sensal kien hemm l-appellat, u li dan kien jista' jippretendi s-senserija, iżda l-appellant ma ammettiex;

Ikkunsidrat;

Illi miċ-ċirkustanzi fuq miġjubin jirriżulta li kien l-appellat li għarraf lill-appellant bl-intenzjoni ta' Portanier li jbiegħ il-korp ta' bini fuq imsemmi, kif ukoll kien huwa l-ewwel wieħed li ressaq l-appellant ma' Portanier.................... u għalkemm l-appellant k'en offra prezz anqas, il-bejgħ sar bi prezz ogħla minn dak li l-appellant kien ripetutament offra u anqas minn dak li Portanier fil-bidu kien qiegħed jippretendi. Għandu jingħad ukoll li l-appellat kien qiegħed jippresta l-opera tiegħu mhux spontaneament, iżda b'inkariku espress ta' l-appellant;

Ikkunsidrat;

Illi hija ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li għandu jiġi mogħti lis-sensal kumpens proporzjonat għall-prestazzjonijiet u serviġi li jkun għamel, meta huwa ma jkollux dritt għas-senserija għar-raġuni li n-negozju ma jkunx ġie konkjuż permezz tiegħu, għalkemm huwa jkun ikkontribwixxa għas-suċċess tiegħu. In bażi għal din il-ġurisprudenza d-dritt ta' l-appellat għall-kumpens ma jistax jiġi lilu negat;

Ikkunsidrat;

Illi dak il-kumpens ġie mill-Ewwel Qorti fissat fis-somma ta' £27.............. Din il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-prestazzjonijiet ta' l-appellat.............. jidhrilha li dak il-kumpens huwa ġust u jisthoqqlu jiġi adottat.

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk miġjuba fis-sentenza appellata;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fl-14 ta' Novembru 1944, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.